**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Nadine Trautwein Rolf Trautwein GbR, Research and Development hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 44, 21.02.2009.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Settembru 2010 — 4care vs UASI — Laboratorios Diafarm (Acumed)

**(Kawża T-575/08)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Acumed — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti AQUAMED ACTIVE — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Xebh tal-prodotti — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)")***

(2010/C 288/70)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* 4care AG (Kiel, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Redeker u M. Diesbach, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Laboratorios Diafarm, SA (Barberà del Vallès, Spanja) (rappreżentant: E. Sugrañes Coca, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tas-7 ta' Ottubru 2008 fil-Każ R 1636/2007-2, dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Laboratorios Diafarm, SA u 4care AG.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *4care AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 55, 07.03.2009.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2010 — Carpent Languages vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-582/08)** ([1])

***("Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti Komunitarja — Organizzazzjoni ta' laqgħat u konferenzi — Ċaħda tal-offerta ta' offerent — Għoti tal-kuntratt lil offerent ieħor — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Trattament ugwali")***

(2010/C 288/71)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Carpent Languages (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: P. Goergen, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Simon u E. Manhaeve, aġenti, assistiti minn F. Tulkens u V. Ost, avukati)

**Suġġett**

Rikors kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ottubru 2008, li ċaħad l-offerta li saret mir-rikorrenti għal-lott nru 4 "Provvista ta' gruppi ta' interpreti skont il-bżonnijiet lingwistiċi ta' kull avveniment" tas-sejħa għal offerti VT/2008/036 (Kuntratti f'bosta oqsma għal servizzi għall-organizzazzjoni ta' laqgħat u konferenzi), u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Novembru 2008, li tagħti lill-kumpannija li ntgħażlet il-kuntratt għal-lott nru 4, kif ukoll talba għall-kundanna tal-Kummissjoni għall-ħlas tad-danni f'każ li l-Qorti Ġenerali ma tilqax it-talba għall-annullament tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-offerta tar-rikorrenti.

**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Carpent Languages SPRL hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 69, 21.03.2009.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Settembru 2010 — Micro Shaping vs UASI (packaging)

**(Kawża T-64/09)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Talba għal trade mark figurattiva packaging — Raġuni assoluta ta' rifjut — Karattru deskrittiv — L-Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li issa sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)")***

(2010/C 288/72)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Micro Shaping Ltd (Goring-by-Sea, Worthing, West Sussex, ir-Renju Unit) (rappreżentant: A. Franke, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Schäffner, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel tal-Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Diċembru 2008 (Każ R 1063/2008-1), dwar talba għar-reġistrazzjoni ta' sinjal figurattiv packaging bħala trade mark Komunitarja.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Micro Shaping Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 102, 01.05.2009.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Settembru 2010 — Skareby vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-91/09 P)** ([1])

***("Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Evalwazzjoni — Rapport tal-iżvilupp tal-karriera — Proċedura ta' evalwazzjoni 2005 — Rapport simplifikat stabbilit għall-perijodu bejn Jannar u Settembru 2005 — Riproduzzjoni kompleta tal-evalwazzjonijiet li jidhru fir-rapport tal-iżvilupp tal-karriera 2004, parzjalment annullat sussegwentement fis-sentenza kkontestata")***

(2010/C 288/73)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Appellanti:* Carina Skareby (Louvain, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues u C. Bernard-Glanz, avukati)

*Appellata:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Berscheid u J. Baquero Cruz, aġenti)

### Suġġett

Appell ippreżentat mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla), tal-15 ta' Diċembru 2008, Skareby vs Il-Kummissjoni, (F-34/07, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

### Dispożittiv

(1) *Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla), tal-15 ta' Diċembru 2008, Skareby vs Il-Kummissjoni, (F-34/07, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) hija annullata sa fejn it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ċaħad l-ilment ibbażat fuq in-nuqqas tal-evalwazzjoni tar-rendiment ta' C. Skareby għall-perijodu bejn Jannar u Settembru 2005.*

(2) *Id-deċiżjoni tat-18 ta' Lulju 2006 li tistabbilixxi r-rapport tal-iżvilupp tal-karriera ta' C. Skareby għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2005 hija annullata, sa fejn tirrigwarda l-punt 6.1. intitolat "Rendiment".*

(3) *Il-kumplament tar-rikors ippreżentat quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku taħt in-numru ta' riferenza F-34/07 huwa miċħud.*